Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAR- RABA' LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2012

**Ħin:** Mis-5.40pm sat-7.55pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tielet laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tielet laqgħa ta' nhar il-Erbgħa, 25 ta' April 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku s-Sur J. Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**Sospensjoni biex tinbidel l-Ordni tax-Xogħol**

Is-Sindku talab biex tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 8 tal-agenda qabel xogħol ieħor. Din għaddiet unanimament u l-Kunsill għadda biex jiddiskuti *item* 8 tal-*agenda*.

**8. Mozzjoni tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Qabel ma bdiet tiġi diskussa l-mozzjoni, il-Viċi Sindku staqsa lis-Segretarju jekk ingħatax il-korrispondenza kollha lis-Sur Desmond Zammit Marmara fuq dan il-każ. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku għadda biex ta spjegazzjoni tal-fatti kif ġraw. Huwa qal li fil-25 ta' April 2012 kien ħareġ partial permit lis-sid tal-propjeta' peress li kien fadal li issir spezzjoni mill-uffiċċjali tal-MEPA kif ukoll mill-Perit ta' Transport Malta. Prattikament kien permess temporanju fejn l-entitajiet mill-għadd ta' servizzi ma kienux qed isibu l-ebda oġġezzjoni li ssir bankina. Is-Sur Zammit Marmara qal li l-Kunsill skont kif hemm miktub fil-minuti ta' qabel, ma kienx qed isib l-ebda oġġezzjoni li ssir bankina u xejn izjed.. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni li ssir imma li ssir, skont il-permess Nru LC 13/5 li kien ħareġ fl-2002 minn Transport Malta dak iż-żmien ADT fejn jgħid li għandhom isiru parking bays f'dik it-triq quddiem il-propjeta' in kwestjoni. Jiġifieri il-parking bays kellhom jibqgħu kif kienu

oriġinarjament hemmhekk wara li tkun saret bankina normali. Dak in-nhar li beda x-xogħol, is-Sindku kien ġie infurmat biex xogħolijiet li kienu għaddejjn tat-tħaffir tat-trinek fejn ħa xi ritratti u l-għada ntbagħtu lill-MEPA u Transport Malta permezz ta' ittra ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju biex tittieħed azzjoni fil-konfront tas-sid. Sa jumejn wara kompla qal is-Sindku l-Kunsill ma kellu ebda risposta u għalhekk huwa personalment ċempel lil Transport Malta fejn esiġa mingħajr aktar dewmien li ssir site inspection u tittieħed l-azzjoni neċessarja. Fil-fatt hekk sar u l-applikant ġie mwaqqaf milli jkompli bix-xogħlijiet mil-Uffiċċjali ta' Transport Malta. Hawnhekk is-Sur D. Zammit Marmara ried jiċċara punt fejn saqsa jekk għandux fil- permess li jista' jsir parapett? Is-Sindku wieġeb li mhux talli ma għandux permess għal dan imma lanqas għal bankina s'issa. Is-Sindku imbagħad għadda biex jitkellem dwar dak li semgħu r-residenti li dik il-propjeta' kienet ser tinbidel f'lukanda u '*wine bar'*. Il-Kunsill jista' jikkonferma li ma saret ebda applikazzjoni lill-MEPA għal dan il-għan, kif ukoll mad-Dipartiment tat-Turiżmu. Is-Sindku qal li għandna nibqgħu viġilanti għal kwalunkwe azzjoni li tkun qegħda jew ser issir fuq din il-propjeta'. Il-Kunsillier D. Zammit Marmara saqsa xi proċeduri jridu jsiru minn issa 'l quddiem fejn is-Sindku wieġeb li bħalissa hemm enforcement order wara l-ispezzjoni li saret minn Transport Malta.

## 2 Mill-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma kien hemm ebda kummenti xi jsiru fuq il-minuti. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara saqsa fuq is-Sinjorina Charlene Giordmaina jekk aċċettatx li tmur għal konferenza 'Youth in Action' ġewwa Venezja. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li hi kellha tirrifjuta minħabba l-impenn tal-eżamijiet. Is-Sindku staqsa li jekk hemm xi ħadd li huwa interessat għandu jinforma b'dan is-Segretarju.

## 3 Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja 2011

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2011 (mehmuż).

Ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2011 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 4 Applikazzjonijiet dwar kjoskijiet

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-*file* bl-applikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill minn persuni li jixtiequ jarmaw kjoskijiet fil-festa u skeda bid-dettalji tal-applikazzjonijiet li rċevejna (mehmuża). Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjonijiet kollha imma talab lis-Segretarju Eżekuttiv li fil-konfront ta' Publius Vella li kellu post okkupat u li ma kienx qed jarma jara ġietx mġedda l-liċenzja u f'kaz li ma għandux jingħata lil ħaddieħor.

## 5 Rapport dwar il-Playing Field ta' Ħal Balzan

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport li jsir kull sitt xhur fuq l-istat li jinsab fih il-playing field ta' Ħal Balzan fejn ġew imsemmija xi problemi li jridu jiġu ndirizzati. Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom jsiru dawk ix-xogħolijiet kollha meħtieġa skont kif ġie indikat fir-rapport.

## 8 Korrispondenza

**Ittra Nru. 1904/12:** Ittra mingħand l-Avukati Refalo & Zammit għan-nom tal-familja Testaferrata fejn qed jiġi allegat minnhom li ġew installati air-conditioners u apparat ieħor fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra minn naħa tagħna lill-Awtorita' tad-Djar u oħra minn naħa ta' l-avukat tal-Kunsill fejn tingħata risposta lill-avukati tagħhom fejn niċħdu kategorikament li sar xi xogħol hekk kif msemmi minn naħa tal-Kunsill.

**Ittra Nru. 1902/12**: Talba mill-uffiċċju tal-MEUSAC fejn jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill biex ikellmuna fuq l-opportunitajiet ta' fondi li qed jiġu mogħtija mill-Unjoni Ewropeja. Is-segretarju għandu jiktbilhom biex jagħmel appuntament f'waħda mil-laqgħat tal-Kunsill li jmiss.

**Ittra Nru. 1898/12:** Ittra mingħand l-Uffiċċju Parrokkjali fejn qed jitolbu għajnuna finanzjarja mill-Fondi Ewropej għar-restawr tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill għandu jieħu l-opportunita' li hekk kif ser issir laqgħa mal-MEUSAC għandu jiġi mistieden il-Kappillan biex naraw jekk l-EU toffrix fondi għal dan il-għan.

**Ittra Nru. 1891/12:** Ittra mis-Sorijiet tal-Karita fejn qed jitolbu li maġenb il-ħajt tal-Kunvent li ttella' fi Triq Idmejda, t-triq tiġi rranġata mill-Kunsill għas-spejjez tagħhom. Il-Kunsill ħa jara x'jista' jsir biex jgħinhom.

**Ittra Nru. 1888/12:** Ittra ffirmata minn xi residenti li joqgħodu fi Triq il-Kbira li hekk kif ġejja in-Nations Cup ma jintramax Big Screen, imwejjed u siġġijiet barra stabbiliment viċin id-djar tagħhom. L-ittra ġiet innutata imma ma tistax tittieħed azzjoni għax ma saret ebda talba s'issa għal dan.

**Ittra Nru. 1887/12:** Talba mid-Dipartiment għall-promozzjoni tas-Saħħa u Mard Preventiv biex jittella' programm ta' aerobics ġewwa l-lokalita'. Il-Kunsill għandu jiċċekkja mal-Kappillan biex jara' tistax tinkera is-Sala tal-Aurora.

**Ittra Nru. 1886/12:** Ittra mingħand resident biex jibda jsir 'Neighbourhood Watch' ġewwa Ħal Balzan. Is- Sindku qal li ma jsib ebda oġġezzjoni għal dan imma meta l-Kunsill ipprova jagħmel dan sfortunatament ma kienx hemm rispons mir-residenti. Għalhekk għandha tinkiteb ittra lir-resident fejn jinfurmah li jekk hemm il-possibilita' li jiġbor xi nies li huma interessati, il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni li jingħata bidu għal proġett pilota f'dan is-sens.

## 7 Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku informa lill-Kunsill li għall-laqgħa ġenerali annwali ta' l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill ħa jattendi l-Viċi Sindku għax ħa jkun imsiefer.

## 9 Rapport dwar l-Ilmenti

**Ilment Nru.17012081163397**: Tiġbed l-attenzjoni li hemm bżonn li jsir yellow line quddiem is-sitt garaxxijiet fi Triq Sir Antonio Micallef. Il-Kunsill lest li japplika ma' Transport Malta pero' ir-residenta għandha tkun taf li huma ma jkunux jistgħu jpparkjaw quddiem il-garaxxijiet tagħhom.

**Ilment Nru.17012014166898**: Talba biex jsiru parking bays fi Triq Il-Kbira fil-parti t'isfel bejn B'Kara u l-Wied ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill ser japplika ma' Transport Malta biex dawn isiru.

**Ilment Nru.17012034167073**: Suġġeriment li l-Bring In Site li hemm f'Wied Ħal Balzan titneħħa minn hemm għax qed ikun hemm ħafna imbarazz. Il-Kunsill ser jikteb lill-Green Pak biex jipprova jsib l-aħjar soluzzjoni forsi jista' jsir xi tip ta' infurzar.

**Ilment Nru.17012056167208**: Talba mingħand resident dwar il-problema tal-ipparkjar fi Triq Pope Alexander VII. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jikteb lir-resident biex jieħu l-inkarigu u jiġbor il-firem tar-residenti kollha u l-Kunsill lest li jekk kulħadd jiffirma, japplika ma' Transport Malta. Il-Kunsill kif ukoll xi residenti li kienu għamlu ilment fuq dan huma konxji tal-fatt li fis-snin li għaddew kienu diġa' saru xi taħditiet ma' l-awtorita' konċernata imma minħabba l-fatt li skont il-liġi l-wisa tat-triq ma jippermettix li jsir pparkjar f'din it-triq jista' jkun li dan il-parking jitneħħa la darba ssir din l-applikazzjoni. Għalhekk ma jkunx jista' jingħata tort lill-Kunsill jekk dan il-fatt jiġri.

**Ilment Nru.17012074167354**: Suġġeriment biex fi Triq Guze Bonnici l-karozzi jipparkjaw fuq naħa waħda biss u fi Triq Antonio Bosio l-karozzi jiġu pparkjati fuq in-naħa tal-garages biss. Il-Kunsill ħa nota pero'din ma tistax ssir.

**Ilment Nru.17012064167942**: Resident li joqgħod maġenb l-Ambaxxata Libyana fi Triq l-Imdina qed jilmenta li xi impjegat minn tagħhom qed jipparkja fid-*Drive In* tad-dar tiegħu. Is-Segretarju tqabbad biex jikteb ittra lil Ambaxxatur biex jieħu azzjoni.

## 10 Approvazzjoni biex isir il-ħlas ta' *Petty Cash*

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sas-16 ta'Mejju 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 10,454.78

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda żewg quotazzjonijiet, waħda biex jiġi mibdul sprall li jinsab f'Wied Ħal Balzan għas-somma ta' € 649 minn Polidano Group u quotazzjoni oħra biex jinbidlu il-bankijiet li jinsabu fi Triq Il-Kbira quddiem l-Smugglers Pub u fi Pjazza Bertu Fenech għas-somma ta' €767 mingħand Joseph Cutajar. Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

## 11 Affarijiet Oħra

Il-Kunsillier Guido Borg semma li hemm periklu fejn sar l-ewwel fazi tal-Proġett quddiem Steve's Stationery fejn hemm xi xifer li huwa ta' periklu għan nies u li jrid jiġi rranġat biex nevitaw li jweġġħu n-nies. Il-Perit tal- Kunsill għandu jiġi nfurmat biex jara x'jista'jsir.

Il-Kunsillier Steven Gatt informa l-Kunsill li fuq internvent li għamel mal-Ministeru tal-MRRA ġie infurmat li l-globi tad-dawl fi Triq De Paule Avenue kienu ser jiġu rranġati.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2012 fis-19.00pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data